**Emenda 10**
**Josep-Maria Terricabras**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Rapport** **A8-0050/2019**
**Paulo Rangel**
Ir-regolamenti u l-kundizzjonijiet ġenerali li jirregolaw it-twettiq tal-obbligi tal-Ombudsman (Statut tal-Ombudsman Ewropew)
2018/2080(INL)

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Artikolu 4a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 4a*** |
| | ***L-Ombudsman huwa intitolat ukoll li jiftaħ inkjesti ġodda bbażati fuq l-informazzjoni mogħtija mill-informaturi, li jistgħu jirrapportaw f'kunfidenzjalità u anonimità, f'każ li l-prattiki deskritti jistgħu jikkostitwixxu amministrazzjoni ħażina fl-Unjoni.*** |

Or. en



Magħquda fid-diversità

7.2.2019 A8-0050/11

**Emenda 11**
**Josep-Maria Terricabras**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Rapport** **A8-0050/2019**
**Paulo Rangel**
Ir-regolamenti u l-kundizzjonijiet ġenerali li jirregolaw it-twettiq tal-obbligi tal-Ombudsman (Statut tal-Ombudsman Ewropew)
2018/2080(INL)

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Artikolu 3c (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 3c*** |
| | ***L-Ombudsman għandu jwettaq valutazzjonijiet regolari tal-politiki u l-proċeduri tal-protezzjoni tal-informaturi fis-seħħ fl-istituzzjonijiet, korpi u aġenziji rilevanti tal-UE, u jfassal rakkomandazzjonijiet xierqa għal titjib.*** |
| | ***L-Ombudsman jista' b'mod kunfidenzjali jipprovdi gwida esperta imparzjali lill-informaturi potenzjali dwar l-ambitu tal-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet rilevanti fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni.*** |

Or. en



Magħquda fid-diversità

**Emenda 12**
**Josep-Maria Terricabras**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Rapport** **A8-0050/2019**
**Paulo Rangel**
Ir-regolamenti u l-kundizzjonijiet ġenerali li jirregolaw it-twettiq tal-obbligi tal-Ombudsman (Statut tal-Ombudsman Ewropew)
2018/2080(INL)

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Artikolu 3d(ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***Artikolu 3d*** |
| | ***L-Ombudsman għandu fost ir-responsabbiltajiet tiegħu l-iżgurar tal-imparzjalità tal-azzjonijiet amministrattivi tal-Unjoni, u għaldaqstant il-kapaċità li jagħmel rieżami biex jara jekk il-proċeduri ġenerali u l-applikazzjoni konkreta tagħhom f'każijiet partikolari jikkonformawx ma' dan il-prinċipju.*** |
| | ***L-Ombudsman jista' jidentifika u jevalwa każijiet possibbli ta' kunflitti ta' interess fil-livelli kollha fi ħdan l-istituzzjonijiet, aġenziji u korpi tal-Unjoni, li jistgħu jikkostitwixxu sors ta' amministrazzjoni ħażina.*** |
| | ***Fejn xieraq, għandu jinforma lill-Parlament bil-konklużjonijiet tas-sejbiet tiegħu.*** |

Or. en



Magħquda fid-diversità

**Emenda 13**
**Josep-Maria Terricabras**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Rapport** **A8-0050/2019**
**Paulo Rangel**
Ir-regolamenti u l-kundizzjonijiet ġenerali li jirregolaw it-twettiq tal-obbligi tal-Ombudsman (Statut tal-Ombudsman Ewropew)
2018/2080(INL)

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Artikolu 4 – punt 1**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Ombudsman u l-persunal tiegħu, li għalihom għandhom japplikaw l-Artikolu 339 tat-TFUE l-Artikolu 194 tal-Euratom, għandhom ikunu marbuta li ma jiżvelawx informazzjoni jew dokumenti li jiksbu matul l-inkjesti tagħhom. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 2***, huma għandhom, b'mod partikolari, ikunu meħtieġa li ma jiżvelaw ebda informazzjoni jew dokument klassifikati provduti lill-Ombudsman jew dokumenti li jaqgħu fl-ambitu tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar il-ħarsien tad-data personali, kif ukoll kwalunkwe informazzjoni li tista' tagħmel ħsara lill-ilmentatur jew lil kwalunkwe persuna oħra involuta.*** | 1. L-Ombudsman u l-persunal tiegħu, li għalihom għandhom japplikaw l-Artikolu 339 tat-TFUE l-Artikolu 194 tal-Euratom, għandhom ikunu marbuta li ma jiżvelawx informazzjoni jew dokumenti li jiksbu matul l-inkjesti tagħhom mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 2 ***u l-Artikolu 5***. |

Or. en

**Emenda 14**
**Josep-Maria Terricabras**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Rapport** **A8-0050/2019**
**Paulo Rangel**
Ir-regolamenti u l-kundizzjonijiet ġenerali li jirregolaw it-twettiq tal-obbligi tal-Ombudsman (Statut tal-Ombudsman Ewropew)
2018/2080(INL)

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Artikolu 5 – paragrafu 1**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-Ombudsman u l-persunal tiegħu għandhom jittrattaw it-talbiet għall-aċċess mill-pubbliku għad-dokumenti, ***ħlief dawk imsemmija fl-Artikolu 4(1),*** skont il-kundizzjonijiet u l-limiti stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 1049/2001. | L-Ombudsman u l-persunal tiegħu għandhom jittrattaw it-talbiet għall-aċċess mill-pubbliku għad-dokumenti, skont il-kundizzjonijiet u l-limiti stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 1049/2001. |

Or. en


Magħquda fid-diversità

**Emenda 15**
**Josep-Maria Terricabras**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Rapport** **A8-0050/2019**
**Paulo Rangel**
Ir-regolamenti u l-kundizzjonijiet ġenerali li jirregolaw it-twettiq tal-obbligi tal-Ombudsman (Statut tal-Ombudsman Ewropew)
2018/2080(INL)

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Artikolu 12 – punt 2a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***2a. Għandu jsir sforz mill-Ombudsman biex tintlaħaq parità bejn is-sessi fil-kompożizzjoni tas-Segretarjat u l-persunal.*** |

Or. en



Magħquda fid-diversità

7.2.2019 A8-0050/16

**Emenda 16**
**Josep-Maria Terricabras**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Rapport** **A8-0050/2019**
**Paulo Rangel**
Ir-regolamenti u l-kundizzjonijiet ġenerali li jirregolaw it-twettiq tal-obbligi tal-Ombudsman (Statut tal-Ombudsman Ewropew)
2018/2080(INL)

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Artikolu 12a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 12a*** |
| | ***L-Ombudsman għandu jistabbilixxi, fi ħdan is-segretarjat tiegħu, struttura li tkun kapaċi tivvaluta b'mod f'waqtu jekk il-każijiet ta' fastidju sesswali ta' kwalunkwe tip u xorta humiex trattati b'mod adegwat fi ħdan l-istituzzjonijiet, aġenziji u korpi tal-Unjoni u, fejn xieraq, tipprovdi pariri lill-persunal tal-UE.*** |

Or. en



Magħquda fid-diversità

7.2.2019 A8-0050/17

**Emenda 17**
**Josep-Maria Terricabras**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Rapport** **A8-0050/2019**
**Paulo Rangel**
Ir-regolamenti u l-kundizzjonijiet ġenerali li jirregolaw it-twettiq tal-obbligi tal-Ombudsman (Statut tal-Ombudsman Ewropew)
2018/2080(INL)

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Artikolu 15 – paragrafu 1 – punt a**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) id-drittijiet proċedurali tal-ilmentatur u tal-istituzzjoni, korp, uffiċċju jew aġenzija konċernati u dwar l-iżgurar tal-protezzjoni ***tal-uffiċjalili*** jirrapportaw każijiet ta' ksur tad-dritt tal-Unjoni ("whistleblowing") fi ħdan l-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċju jew aġenziji tal-Unjoni, f'konformità mal-Artikolu 22a tar-Regolamenti tal-Persunal; | (a) id-drittijiet proċedurali tal-ilmentatur u tal-istituzzjoni, korp, uffiċċju jew aġenzija konċernati u dwar l-iżgurar tal-protezzjoni ***tal-uffiċjali li*** jirrapportaw każijiet ***ta' fastidju sesswali u*** ta' ksur tad-dritt tal-Unjoni ("whistleblowing") fi ħdan l-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċju jew aġenziji tal-Unjoni, f'konformità mal-Artikolu 22a tar-Regolamenti tal-Persunal; |

Or. en